**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Frar, 2018

Rikors Guramentat numru : 39/17 AL

**A B**

***-vs-***

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

**DIKJARAZZJONI**

1. Illi l-esponenti kien f'relazzjoni mal-intimata C D (K.I. 378598M), liema relazzjoni damet ftit aktar minn sena, u li minnha twieldet il-minuri K B nhar is-sbatax (17) ta' Diċembru, tas-sena Elfejn u Tnax (2012) li llum għandha erba' (4) snin (*vide* Att tat-Twelid mal-preżenti anness u mmarkat **Dok A**);

2. Illi l-esponenti u l-intimata C D m'humiex u qatt ma kienu miżżewġin;

3. Illi r-relazzjoni ta' bejn l-esponenti u l-intimata intemmet ftit wara li twieldet il-minuri K B;

4. Illi ftit xhur wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, l-esponenti ħa ħsieb lill-minuri K b'mod esklussiv u dan wara li kkunntattjawh mill-Aġenzija Appoġġ, stante illi l-intimata, li dak iż-żmien kien għadha minuri, kienet spiċċat f'idejn l-istat fuq talba ta' missierha stess li ma setax jikkontrolla l-imġieba ribelluża tagħha;

5. Illi sakemm l-intimata kien għadha ma saritx maġġorenni, u kienet għadha f'idejn l-istat, kienet teżerċita' aċċess versu l-minuri K, taħt superviżjoni ta' ħaddiema soċjali li kienet takkumpannjaha tul il-ħin tal-aċċess, iżda hekk kif saret maġġorenni l-intimata ma saqsiet qatt sabiex tara lill-bintha minuri;

6. Illi l-intimata qatt ma provat tkun preżenti f'ħajjet il-minuri K, u minkejja li l-esponenti dejjem prova jinvolviha f'ħajjet il-minuri, l-intimata qatt ma ssaqsi lill-esponenti dwarha inkella sabiex taraha; inolre l-intimata qatt ma kkontribwixxiet finanzjarjament għat-trobbija tal-minuri;

7. Illi l-proċeduri ta' medjazzjoni ma wasslu mkien stante illi bejn sessjoni u oħra, l-intimata kienet tonqos milli tieħu interess fil-minuri b'dan illi ġieli anke għamlet xhur ma tara lil bintha minkejja li l-esponenti kien anke jipprova jikkuntattjaha;

8. Illi għalhekk kellha tingħalaq il-medjazzjoni u permezz ta' Digriet datat il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar, Elfejn u Sbatax (2017), din l-Onor. Qorti awtorizzat lill-esponenti jipproċedi b'kawża (**Dok B**) u għaldaqstant qiegħed jiġi preżentat dana r-rikors ġuramentat;

9. Illi l-fatti msemmija huma kollha a diretta konoxxenza tal-esponenti.

**RAĠUNI TAT-TALBA**

1. Illi l-esponenti kien f'relazzjoni mal-intimata C D (K.I. 378598M), liema relazzjoni damet ftit aktar minn sena, u li minnha twieldet il-minuri K B nhar is-sbatax (17) ta' Diċembru, tas-sena Elfejn u Tnax (2012) li llum għandha erba' (4) snin (*vide* Att tat-Twelid mal-preżenti anness u mmarkat **Dok A**);

2. Illi l-esponenti u l-intimata C D m'humiex u qatt ma kienu miżżewġin;

3. Illi r-relazzjoni ta' bejn l-esponenti u l-intimata intemmet ftit wara li twieldet il-minuri K B;

4. Illi ftit xhur wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, l-esponenti ħa ħsieb lill-minuri K b'mod esklussiv u dan wara li kkunntattjawh mill-Aġenzija Appoġġ, stante illi l-intimata, li dak iż-żmien kien għadha minuri, kienet spiċċat f'idejn l-istat fuq talba ta' missierha stess li ma setax jikkontrolla l-imġieba ribelluża tagħha;

5. Illi sakemm l-intimata kien għadha ma saritx maġġorenni, u kienet għadha f'idejn l-istat, kienet teżerċita' aċċess versu l-minuri K, taħt superviżjoni ta' ħaddiema soċjali li kienet takkumpannjaha tul il-ħin tal-aċċess, iżda hekk kif saret maġġorenni l-intimata ma saqsiet qatt sabiex tara lill-bintha minuri;

6. Illi l-intimata qatt ma provat tkun preżenti f'ħajjet il-minuri K, u minkejja li l-esponenti dejjem prova jinvolviha f'ħajjet il-minuri, l-intimata qatt ma ssaqsi lill-esponenti dwarha inkella sabiex taraha; inolre l-intimata qatt ma kkontribwixxiet finanzjarjament għat-trobbija tal-minuri;

7. Illi l-proċeduri ta’ medjazzjoni ma wasslu mkien stante illi bejn sessjoni u oħra, l-intimata kienet tonqos milli tieħu interess fil-minuri b’dan illi ġieli anke għamlet xhur ma tara lil bintha minkejja li l-esponenti kien anke jipprova jikkuntattjaha;

8. Illi għalhekk kellha tingħalaq il-medjazzjoni u permezz ta’ Digriet datat il-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Jannar, Elfejn u Sbatax (2017), din l-Onor. Qorti awtorizzat lill-esponenti jipproċedi b’kawża (**Dok B**) u għaldaqstant qiegħed jiġi preżentat dana r-rikors ġuramentat;

## TALBIET

Talab ghalhekk li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kull ordni li din l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti :

i. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri K B għandha tkun fdata esklussivament f’idejn ir-rikorrenti A B;

ii. Tordna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti missier, manteniment għall-minuri K B sakemm din tagħlaq it-tmintax (18) –il sena jew sakemm tagħlaq it-tlieta u għoxrin (23) sena jekk hija tkompli l-istudji tagħha fuq bażi *full-time*;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimata minn issa stess inġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, ma ppreżentat ebda risposta ġuramentata u lanqas qatt ma dehret quddiem din il-Qorti; Illi għaldaqstant il-Qorti ddikjarat[1] illi l-istess konvenuta hija kontumaċi;

[1] Fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2017, fol. 20

Rat l-atti kollha tal-proċediment inkluż l-affidavit tal-attur u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha azzjoni fejn ir-rikorrent qiegħed jitlob li jiġi fdat esklussivament bil-kura u l-kustodja ta' bint il-partijiet ossia il-minuri K B, imwielda fis-17 ta' Diċembru 2012[2]. Huwa jitlob ukoll li l-intimata tiġi ordnata tħallas manteniment għall-minuri.

PROVI MIĠJUBA

Permezz tal-affidavit tiegħu[3], l-**attur** jispjega kif huwa kellu relazzjoni mal-konvenuta li minnha twieldet il-minuri K. Il-minuri tgħix miegħu u huwa jieħu ħsiebha bl-għajnuna tal-familja qrib tiegħu biex ma jkun jonqosha xejn. Omm il-minuri, il-konvenuta C D, ilha ma tara lill-minuri minn Awwissu 2016 u lanqas iċċempel biex tara jekk it-tifla hiex tajba.

Omm il-minuri, li kellha biss erbatax-il sena meta twieldet il-minuri, għandha problemi ta' mġieba. Skont l-attur, hija għandha tifla oħra ta' sentejn, minn raġel ieħor, li ħaduhielha permezz ta' care order u fid-data tal-affidavit[4] reġgħet kienet tqila mit-tielet raġel. L-attur jispjega illi omm bintu tbati bl-ADHD u ġieli kienet Monte Karmeli. Minħabba l-imġieba ħażina tagħha, meta kienet għadha taħt l-eta', missierha li kien fdat bil-kura u l-kustodja tagħha in segwitu tas-separazzjoni personali

---

[2] Ċertifikat tat-twelid tal-minuri jinsab esebit fol. 5 tal-proċess

[3] Fol. 25

[4] 27 t'April 2017

minn ma' ommha, kien talab lill-Qorti sabiex l-istat jeħodha taħt idejh[5].

Xehed illi meta l-konvenuta kienet f'home u kien ikollha aċċess għall-minuri huwa kien ikollu moħħu ħafna iktar mistrieħ għaliex l-aċċess kien iseħħ fil-preżenza ta' iktar nies u professjonisti. Avolja kien ikollha aċċess darbtejn fil-ġimgħa, il-konvenuta kienet teħodha darba f'ġimgħa biss u kien hemm ġimgħat fejn ma kinitx teħodha lanqas darba.

Iżid illi l-konvenuta minkejja li tkun informata bil-parents' day u attivitajiet oħra tal-iskola, qatt ma tattendi. Jgħid li sar jaf illi riċentement il-konvenuta kienet qed titlajja għall-prostituzzjoni. Meta kkonfrontaha dwar dan fil-medjazzjoni, hija ma ċaħditx anzi bdiet tidħaq. Jinsisti li kemm nies barranin, kif ukoll mill-Aġenzija Appoġġ, dejjem insistew miegħu sabiex ma jafdax lit-tifla mal-omm għax hi ta' periklu għaliha.

Illi minkejja t-talba tal-attur għal-likwidazzjoni tal-manteniment, ma nġiebet ebda prova rigward il-mezzi rispettivi tal-partijiet.

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[6] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom*

[5] Id-digriet li ngħata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-25 ta' Ġunju 2015, (Rikors Ġenerali 358/14RGM) jinsab esebit fol. 27;

[6] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP

*ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[7], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [8] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[9] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[10]. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. *"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."*[11]

---

[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

[8] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[10] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[11] Frances Farrugia vs. Duncan Caruana, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL)

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-***

***persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri K, jirriżulta illi l-konvenuta ftit li xejn għandha interess illi żżomm il-kuntatt ma' bintha. Hija mhux biss ma tarahiex regolarment, iżda lanqas biss iċċempel biex tara kif inhi. Illi inoltre jirriżulta illi meta fil-passat kien ikollha aċċess mat-tifla, din kienet tiġi ritornata lill-missier fi stat pjetuż għaliex kienet tkun bil-ġuħ u maħmuġa, bl-istess ħarqa li kienet tasal għandha. Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li jkun ferm aħjar għall-minuri li tibqa' titrabba minn missierha u tara li m'hemm l-ebda raġuni fil-liġi u fil-fatti il-għala m'għandhiex takkolji t-talba tar-rikorrent għal kura u kustodja esklussiva tal-minuri.

Il-Qorti qiegħda tikkonsidra wkoll illi l-intimata f'din il-kawża ma dehritx biex tikkontestaha jew titlob xi tip ta' aċċess minimu għal bintha. Jidher li hija tinsab afflitta minn stat ta' immaturita u m'hijiex kapaċi tieħu ħsieb it-trobbija u l-benessere ta' bintha. Inoltre meta l-attriċi kellha aċċess għall-minuri, hija xorta waħda ma kinitx tonorah b'mod kostanti tant illi minn darbtejn fil-ġimgħa, lill-minuri kienet teħodha darba biss u kien hemm ġimgħat fejn ma kinitx teħodha lanqas darba. Dana m'huwiex ta' ġid għall-minuri li ommha tiltaqa' magħha biss meta jfettlilha. Il-kuntatt daqstant sporadiku mal-omm ma jistax ikun benefiċċjali għall-minuri iżda mingħajr dubju jitilfilha l-istabilita' tagħha u joħolqilha stat ta' inċertezza kbira. In viżta ta' dan kollu suespost, il-Qorti f'dan l-istadju m'hijiex ser tkun qiegħda tiffissa aċċess bejn il-minuri u l-omm, kemm għaliex l-omm ma talbitx dan l-aċċess u wkoll għaliex hija tal-fehma li l-minuri m'hija ser tieħu xejn ta' ġid billi tiltaqa' m'ommha.

Dwar il-manteniment, kif intqal ma nġiebet ebda prova dwar il-mezzi rispettivi tal-partijiet. Minkejja dan, il-Qorti dejjem irritjeniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita' tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabilita` tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda tordna lill-konvenuta sabiex tgħaddi lill-attur, għoxrin fil-mija (20%) ta' kwalsiasi benefiċċju li hija tista' tipperċepixxi mill-istat. Fl-eventwalita' li l-konvenuta għandha jew ikollha impjieg, il-manteniment pagabbli mill-konvenuta lill-attur għandu jkun fis-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150) kull xahar, liema somma mensili tkun tinkludi l-manteniment tal-minuri u sehemha mill-ispejjeż kollha inkorsi għall-edukazzjoni tagħha, għal saħħitha u għall-attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi l-konvenuta u jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li bint il-partijiet tibqa' tistudja, fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. **tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri K B, imwielda fis-17 ta' Diċembru 2012, qed tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn missierha, ir-rikorrent A B**, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni (kemm ordinarja kif ukoll straordinarja) rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrent waħdu mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimata;

2. **tordna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attur għoxrin fil-mija (20%)** ta' kwalsiasi benefiċċju li hija tista' tipperċepixxi mill-istat, bħala manteniment għal bintha minuri K. Fl-eventwalita' li l-konvenuta għandha jew ikollha impjieg, il-konvenuta qiegħda tiġi ordnata li tħallas lill-attur is-somma ta' **mija u ħamsin Ewro (€150) kull xahar**,  liema somma mensili tkun tinkludi l-manteniment tal-minuri u sehemha mill-ispejjeż kollha inkorsi għall-edukazzjoni tagħha, għal saħħitha u għall-attivitajiet extra-kurrikulari.  Dan il-manteniment jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi l-konvenuta u jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li bint il-partijiet tibqa' tistudja, fuq bażi *full-time*, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.